50 Sena Kkonsagrata 1967-2017
Parroċċa Kristu Re, Paola

# Leħen il-Kunsill Pastorali Parrokkjali

## Parroċċa Kristu Re - Paola



Għadd Nru. 305 - Id-39 Sena | Lulju 2017 | *Ħarġa Speċjali Festa Titulari*

# Apprezzament
## *Dun Mario Agius: memorji ta' qassis u ħabib*

**Dr. Simon Mercieca**



Is-Sibt, qabel ma' miet, bħal ma kont nagħmel kull nhar ta' Sibt, mort narah filgħodu d-Dar tal-Kleru. Kienet tkun okkażjoni għalina t-tnejn biex nitkellmu fuq numru ta' suġġetti, iżda l-aktar wieħed importanti kien dak dwar l-istorja ta' Raħal Ġdid. Kien ħa ħafna pjaċir meta l-kappillan talabni biex nibda nikteb artiklu dwar l-istorja tal-knisja kull xahar għall-fuljett IS-SALTNA. Mill-ewwel qalli "Ngħinek". Qabel tlaqt f'dan l-aħħar Sibt li rajna lil xulxin, kien tani lura numru ta' abbozzi li kont tajtu dwar personaġġi fuq Raħal Ġdid li xi wħud minnhom ġa dehru fil-fuljett IS-SALTNA. Dak inhar bħal qalbu ħebbrietu. Miegħi kont nieħu lit-tifla ż-żgħira tiegħi. Qam bit-tbatija minn fuq is-siġġu ta' quddiem l-iskrivanija tiegħu. Mar lejn *sideboard* li kellu fil-kamra fqira fid-dar tal-Kleru, biex iġibilha ftit ħelu u qalli "Ara x'biċċa ġrali. Ma nistax nieħu nifs". Iddaħħal l-isptar il-Ħamis u qabel ma mar, qal lil Simon Jones, *carer* fid-dar tal-Kleru u li bħali kien abbati f'Raħal Ġdid, biex iċempilli u jgħidli li ħaduh l-isptar. Hija ħasra li miet is-Sibt ta' wara. L-aħħar proġett li konna qed naħdmu flimkien kien dwar l-Iskrizzjoni għall-faċċata tal-knisja. Kien ħa pjaċir ħafna li l-kappillan Dun Marc Andrè Camilleri kien ħa nteress kbir f'artiklu li l-istess Dun Mario Agius kien kiteb fuq il-ktieb tal-festa tal-Għaqda Kristu Sultan dwar din l-iskrizzjoni. Kien ħa pjaċir akbar li l-kappillan ried iwettaqha.

Forsi ftit jafu, li Dun Mario Agius kien Latinista tajjeb. Jien niftakru bħala l-aħħar qassis juża l-Latin Raħal Ġdid. Biss matul dawn l-aħħar snin, sirt naf ħafna tagħrif dwaru u anki dwar il-familja tiegħu u li llum nista' naqsam magħkom. Il-familja min-naħa ta' Agius kienet minn Għawdex. Kienu bl-imrieħel. Peress li fi żmien ir-Randan ma kienx jiswa' li wieħed jixrob ħalib, ħlief għall-morda u xjuħ, dawk li kienu jduru bil-mogħoż kienu jgħajtu 'tal-Abjad' b'referenza li kien ġie tal-ħalib. Il-familja mxiet lejn Ħal-Lija fejn anki l-familja tiegħu kellha qabar fil-knisja l-qadima. Imbagħad, in-nannu tiegħu kien daħal it-tarzna u għalhekk kien mar joqgħod il-Birgu. Missier Dun Mario, Ġużeppi, twieled il-Birgu fl-1904 iżda ta' erba' snin niżel joqgħod f'Raħal Ġdid. Marru joqogħdu fil-pjazza, f'dar fejn qabel kien joqgħod wieħed Ingliż. F'dik il-ħabta kien hemm ħafna Ingliżi joqogħdu f'Raħal Ġdid.

Dan hu dettall importanti, għaliex meta Dun Mario Agius kien jirrakkonta dwar Raħal Ġdid ma kienx jirrakkonta biss dwar l-esperjenzi tiegħu iżda wkoll dak li kien jisma' lil missieru jirrakkonta. Hu missieru, bħal Dun Mario, kien iħobbu ħafna Raħal Ġdid, tant li kien wieħed minn dawk li sponsorjaw il-pubblikazzjoni tal-ktieb ta' E.B. Vella dwar l-Istorja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid.

Min-naħa ta' ommu, Dun Mario Agius kien ġej minn familja ta' artist importanti. Missier ommu kien Anġlu Dalli, magħruf bħala s-Suffari. Missier Dun Mario Agius kien sar Spiżjar

*ikompli f'paġna 43*



*ikompli minn paġna 40*

għaliex kienu waħħluh fil-kors tal-mediċina fl-1919 inkonnessjoni mal-inkwiet politiku ta' dik il-ħabta. Forsi din kienet barka minn Alla. Peress li kien ġa ggradwa ta' Spiżjar, fetaħ spiżerija Ħaż-Żabbar. Wara mexa lejn Raħal Ġdid. Kien litteralment l-ispiżjar tal-fqar. Ommu, Margerita, kienet mara qaddisa. Ma' mara oħra, li nsejt x'jisimha, kienet għamlet wegħda biex wieħed minn uliedha jsir qassis. Alla sema' t-talba tagħhom. Dun Mario sar jaf b'dan ħafna snin wara li sar qassis. Ommu kienet għalliema tal-ġografija. Kienet anki marret tistudja l-Ingilterra u meta ġiet lura kienet saret Sinjora, jiġifieri *headmistress.* Biss kien żmien fejn l-għalliema nisa, meta jiżżewġu kienu jkunu mġegħlin iħallu x-xogħol tagħhom. Peress li hija kienet fuq kuntratt, irrifjutat li titlaq ix-xogħol wara li żżewġet. B'hekk kienet l-ewwel mara għalliema li ħarġet tqila b'Dun Mario u ħuh it-tewmi. Id-Direttur tal-Edukazzjoni, Laferla, għajjat skandlu. Kif kien jiġri dari, kien hemm ħafna mwiet fost it-trabi. Ħuh it-tewmi miet wara li twieled.

Bħal missieru, Dun Mario għadda għal-Liceo. Fil-klassi miegħu kellu lil Salvinu Busuttil, li wara kien sar Professur tal-Ekonomija u għamel karriera diplomatika. Dun Mario kien jgħidli li hu u Salvinu kienu jikkompetu bejniethom min minnhom jiġi l-ewwel. Meta fl-eżamijiet ta' nofs is-sena kien jiġi Salvinu l-ewwel, fl-eżamijiet tal-aħħar tas-sena kien ikun Dun Mario. Meta Dun Mario kien jiġi l-ewwel fl-eżamijiet ta' nofs is-sena, Salvinu kien ikun l-ewwel f'dawk tal-aħħar tas-sena.

Kien jitkellem b'nostalġija dwar il-mixjiet ta' tfulitu fl-egħlieqi li kienu jdawru Raħal Ġdid ta' qabel il-gwerra fuq iż-żona tal-Borġ. Jiftakar mixjiet lejn Bulebel fejn kien għad hemm ħitan tas-sejjieħ b'biċċiet ta' skultura u lavur li kienu tal-knisja ta' Ħal Tarxien.

Il-vokazzjoni tiegħu ssaħħet sew fi żmien li hu kien jattendi l-Mużew f'Raħal Ġdid. Meta daħal is-Seminarju, fil-kors miegħu kellu fost l-oħrajn lil Fr. Peter Serracino Inglott. Miegħu kienu daħlu tliet qassisin oħra minn Raħal Ġdid, jiġifieri Dun Ġużepp Abdilla, Dun Duminik Degiorgio u Dun Edgar Attard (illum Monsinjur).

Wara li sar qassis beda jservi fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. Kien żmien sabiħ ħafna. Dan kemm minħabba li f'Ħaż-Żabbar kienu joqogħdu qraba ta' missieru, l-familja ta' Agius Muscat, kif ukoll, għaliex Wied il-Għajn kien sar parroċċa. B'orgolju kien jgħid li l-ewwel kappillan ta' Wied il-Għajn, Tarċisju Agius, kien prim kuġin ma' missieru.

Wara, Dun Mario ġie jservi Raħal Ġdid. Beda jservi ta' Viċi. Kien wieħed miż-żewġ Viċijiet li kellha l-parroċċa. L-ieħor kien Dun Vinċenz Deguara. Peress li Deguara minkejja li qaddes fil-kors ta' warajh iżda baqa' dejjem f'Raħal Ġdid u kien diġa' iservi bħala Viċi, Dun Vinċenz kellu preċedenza fuq Dun Mario.

Għal numru ta' snin, hu kien mibgħut fil-knisja ta' Lourdes. Kien mibgħut biex hemm jassisti lill-Monsinjur Franġisku Xuereb. Wara li lesta l-knisja l-kbira, Monsinjur Xuereb kien intefa' b'ruħu u b'ġismu biex jibni l-knisja ta' Lourdes. Dun Mario kien jiftaħar li bħal mal-bini tal-knisja l-kbira kkontribwixxa Raħal Ġdid kollu, anki fuq dik ta' Lourdes ikkontribwixxa r-raħal kollu. Dan kien iż-żmien li fih din il-knisja kienet għada mhix parroċċa għaliha. Meta mbagħad saret parroċċa għaliha, Dun Mario kien tela' jservi fil-knisja ta' Kristu Re, waqt li ta' Lourdes baqa' Dun Ġużepp Sammut, li kien ukoll minn Raħal Ġdid.

*ikompli f'paġna 45*



*ikompli minn paġna 43*

Waħda mill-ħidmiet li ngħata mill-kappillan Dun Adolf Agius kienet dik li jieħu ħsieb il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Meta kien risponsabbli hu, saru numru ta' inizzjattivi. Kienu nbiddlu l-brazzi tal-ħadid, u minflokhom saru dawk preżenti tal-bronż. Kien ħareġ flus minn butu meta l-ġbir għalihom ma kienx ilaħħaq. Jekk niftakar tajjeb kien hemm xi wħud li anki tħallsu minn benefatturi. Kien għamel ukoll l-irjus tal-fidda tas-salib tal-Vara l-Kbira. Jekk niftakar tajjeb, kien ħallas għalihom huwa wkoll. Kien biddel is-salib tal-vara tad-Duluri biex ikun bħal bqija tas-slaleb tal-vari l-oħra, peress li dan tad-Duluri kien interzjat. Kien qabbad lil Methusaleh Buhagiar, li kien jiġi t-tifel ta' Pietru Pawl Buhagiar u allura n-neputi tal-iskultur Manwel Buhagiar biex jagħmel numri ta' skulturi li llum għadna narawhom fuq il-bradelli tal-Ġimgħa l-Kbira. Bdew anki jinbidlu l-bradelli u kien ħadem fuqhom Methusaleh. Jien niftakru jillustrahom bil-lostru tat-tajjara fl-oratorju. Ninsab żgur li kien ħadimhomlu b'xejn.

Fuq kollox, kien sab benefattur, ċertu Vincent Demajo, u kien għamel in-niċċa tar-Redentur. Dan Vincent Demajo li kellu l-ħanut quddiem l-għassa ta' Raħal Ġdid. Kien ibiegħ pompi tal-ilma, muturi tal-baħar Stuart u spare parts. Illum it-tfal imexxu l-ħanut V. Demajo & Bros tal-pjazza. Kienet saret tal-aluminium, materjal li f'dak iż-żmien kien jiswa ħafna flus għaliex kien ġdid. Anki jekk kien hemm kritika lejn din l-għażla, kien hemm qbil dwar id-dimensjoni tagħha. Jien niftakar nies, waqt it-tberik jgħidulu prosit lil Kappillan Dun Adolf għal mod kif inħadmet. Dak li hu żgur kien li matul dan il-perjodu żdiedet id-devozzjoni lejn ir-Redentur f'Raħal Ġdid.

Iżda l-akbar proġett u rigal ta' Dun Mario Agius lill-parroċċa ta' Raħal Ġdid hu l-ostensorju tal-fidda, bil-bażi tal-fidda tiegħu. Hu ried li din tibqa' fl-anonimat u kien irrabja ħafna meta nduna li kont naf li hu ħallas għalih. Biss nemmen li opri tajba għandhom jiġu mfakkra u min għamilhom imfaħħar. Kien iħobb jgħidli li anki l-ostensorju hu relikwarju. Fih hemm parti mill-Golgota. Kien ġabha patri Malti miegħu li kien fl-Art Imqaddsa. Kienu fdalijiet ta' meta taqqbu l-art biex għattuha bil-ħġieġ. Il-fdalijiet kienu nqasmu bejn id-denominazzjonijiet insara li jaħdmu fil-bażilika tal-Qabar ta' Kristru. Kien ta biċċa lil Dun Mario Agius biex żgur ma tintilifx u tibqa' kustodita tajjeb. Dun Mario kien ħa ħsieb li jingasta din il-farka mill-Golgota fil-pedestal ta' dan l-ostensorju.

Iżda fuq kollox, Dun Mario Agius kellu sens qawwi ta' pastorali. Kien ikun fuq quddiem fit-tqarbin tal-morda. Ma kienx jonqos milli joffri s-solidarjetà tiegħu meta jmut xi ħadd u kien jagħmel ħafna funerali. Kien iqaddes tal-ewwel. Kien jalterna ma' Dun Vinċenz Deguara. Meta ġie offrut kanonikat, kien talab il-parir ta' Dun Adolf u staqsieh jekk kellux ikun onorarju jew effettiv. Kien Dun Adolf li qallu biex imur effettiv il-Birgu. Kien iħobb jirrakkonta li meta ltaqa' mal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca u staqsih x'inhi l-pożizzjoni tiegħu dwar li jsir kanonku il-Birgu, Dun Mario qallu ċar u tond li wara li tkellem ma' Dun Adolf, kien qed jaċċetta li jkun effettiv. L-Arċisqof irrispondih u qallu, "j'Alla l-qassisin kollha jagħmlu bħalek u qabel ma jieħdu xi deċiżjoni, jieħdu parir mingħand min hu akbar minnhom!"

Anki fil-Birgu, Dun Mario Agius ħalla l-marka tiegħu. Naf li familja minn Raħal Ġdid tagħtu flus, madwar sitt elef lira biex jagħmilhom opra. Hu qallhom, li l-knisja tal-Birgu kienu ser jagħmlu s-slaleb tal-kanonikat ġodda u talabhom il-permess li jużahom għal dan il-għan. Kienu ħadu pjaċir ħafna. B'hekk il-Birgu spiċċaw bis-slaleb tal-kanonikat tagħhom tal-fidda ibbanjati bid-deheb.

*ikompli f'paġna 47*

*ikompli minn paġna 45*





*Waqt il-Quddiesa tal-Funeral*

Fuq kollox, il-ħidma tiegħu f'Raħal Ġdid ma waqfetx wara li sar kanonku l-Birgu. Waqt li baqà jqarben u jqaddes kien ukoll ta' għajnuna spiritwali u morali għal numru ta' żgħażagħ mill-parroċċa u s-Soċjetà tagħhom. Kien iħosshom bħala t-tfal tiegħu. Ħabbhom u huma ħabbuh, bħal ma jixhed ir-rispett kbir li wreħ waqt il-funeral tiegħu.



*L-Arċisqof jinċensa t-tebut*

Fuq kollox, Dun Mario Agius kien devot kbir tas-Sagrament. Min jaf kemm ħu Methusaleh, Carmelo Buhagiar, ħa paċenzja bih u kien joqgħod iħitlu purtieri għat-tabernaklu u jirrakkmalu xi disinn modern fuqu. Kien jagħmillu x-xogħol b'xejn u Dun Mario kollu ferħan kien iġibhom biex jiżżanżnu.



*Fil-Knisja Parrokkjali*

Iżda l-akbar rigal hu l-fatt li qed jara d-devozzjoni lejn is-Sagrament terġa' tingħata l-ħajja u l-glorja storika f'Raħal Ġdid. Ibqa' żgur li kieku kien għadu magħna, kien ikun minn tal-ewwel biex joħroġ u jakkumpanja f'nhar il-festa f'dan l-att ta' fidi u devozzjoni quddiem is-Sagrament.



**Din il-paġna hi sponsorjata b'tifkira għażiża ta'**
**JOSEPH U MARY MUSCAT**
**Mulej agħtihom l-Mistrieħ ta' dejjem**